MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-12 ta' April, 2010

Numru. 452/2007

**PULIZIJA**
**SPETTUR NEZREN GRIXTI**
**VS**
**JONATHAN MICALLEF**

Il- Qorti

Rat l- imputazzjoniet migjuba kontra l-imputat Jonathan Micallef, ta’ 20 sena, iben John u Elizabeth nee’ Griffin, residenti Joneliza, Triq Annibale Preca Lija, imwieled gewwa tal-Pieta’ fit-28 ta’ Dicembru 1986 u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 25387(M);

Illi huwa akkuzat talli nhar il-20 ta’ Mejju 2007, gewwa l-Isptar Generali ta’ San Luqa bejn is-2:00am u 5:00am:

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra

persuna nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghtija skond il-Ligi mill-Awtorita' Kompetenti u cioe fuq il-persuna ta' PC 488 Eman Cilia ai terminu ta' l-Artikoli 92 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ngurja jew hedded jew ghamel offiza fuq persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku li jkun qed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew jbezza fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe fuq il-persuna ta' l-istess ufficjal tal-Pulizija msemmi fl-akkuzi hawn fuq u dan ai terminu ta' l-Artikoli 92 u 95 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hebb ghall-istess ufficjal pubbliku msemmi sabiex jingurja jew jaghmel xi hsara lill-istess ufficjal pubbliku dan ai terminu ta' l-Artikolu 339 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu hekk mill-Pulizija jew ma halliex jew fixklu waqt li kien qed jaghmel dmirijietu, jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membru tal-korp tal-Pulizija jagheml dak li b'Ligi kien ordnat li jaghmel u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membru tal-korp tal-Pulizija bhala awtorita' kien ghamel u dan ai terminu ta' l-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan ai terminu ta' l-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi qal kliem mhux xieraq li jikkonsisti f'dagha u dan ai terminu ta' l-Artikolu 342 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi irrifjuta li jaghti lill-Ufficjal Pubbliku cioe lil Pulizija lil PC 488 li kien inkarigat minn dan is-servizz skond il-Ligi waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularijiet ohra, u dan ai terminu ta' l-Artikolu 338(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment ukoll f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija Ufficjal Pubbliku tal-Korp tal-Pulizija imsemmi kif jidhrilha xieraq skond l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi kien gie nfurmat illi kien sehh argument bejn l-imputat u s-security ta' l-Isptar u l-Pulizija cioe PC 488 li gie msejjah jaghti assistenza u dana il-ghaliex l-imputat, illi kien qieghed fil-*Casualty Unit* St.Luke's, b'ferita f'idejh (li kienet tenhtieg ghoxrin punt) kien qed jaghmel storbju u jwahwah bl-ugiegh fl-istess *Casualty*. Illi s-security ta' l-Isptar intervjenew biex jipprovaw jikkalmawh u sabiex ma jibqax jghajjat u jallarma l-pazjenti l-ohra ta' l-Isptar izda l-imputat baqa' jwahwah u jghajjat bl-ugiegh. Il-Pulizija u s-Security ta' l-Isptar siktuh diversi drabi izda l-imputat baqa' jghajjat u f'hin minnhom avvicina lil Pulizija, dawn hasbu illi l-imputat ser jaghmel ghalihom u ghaldaqstant l-imputat giet mahtuf – anke minn idu, li kienet imwegga, u arrestat. Dan gie konfermat minn PC 488 Eman Cilia (ara xhieda a fol.22) illi kkonferma li kien sab lil SG 161 jipprova jikkalma lill-imputat li kellu jdejh imfaxxatha pero' li kien ghadu qed jghajjat. PC 488 ikkonferma illi kien wissa lill-imputat biex joqghod kwiet diversi drabi u li dan baqa jghajjat. PC 488 qallu illi l-kaz tieghu (ta' l-imputat) ma kienx urgenti u li kellu jistenna t-*turn* tieghu. PC 488 xehed illi f'mument minnhom l-imputat avvicinah b'mod hafif u li l-Pulizija u Security Guards hasbu illi kien ser ihebb ghalih u ghaldaqstant razznuh, qabduh minn idu u haduh l-Ghassa tal-Hamrun. Ftit wara regghu haduh l-Isptar fejn l-

imputat kien inghata l-kura mehtiega u cioe: "*sarulu madwar ghoxrin punt f'idejh*." Jirrizulta illi l-imputat kien gie mmanetjat sakemm ma ttiehed l-Ghassa tal-Hamrun minkejja l-gerha li kellu f'idu.

PS 156 Frans Abela ezebixxa l-okkorrenza Dok.PS li tinstab a fol.30 et seq.

SG 161 Godwin Maurin (a fol.33) xehed illi l-imputat kien qieghed il-*Casualty Unit* u li kien hemm *admissions* permess ta' ambulanzi illi kellhom priorita' aqwa minn dawk ta' l-imputat. Jirrizulta illi l-imputat dahal fil-*Casualty* fis-saghatejn u wara illi gie ezaminat minn tabib li nfaxxalu l-gerha, kellu jistenna sabiex isirulu l-punti. L-imputat beda jghajjat u jaghmel hafna storbju u jwahwah u li ghaldaqstant huwa beda jipprova jsikket lill-imputat u jikkalmah. Illi, f'mument iehor, anke ssejhu lill-Pulizija li wkoll ipprovaw jikkalmaw lill-imputat. L-imputat, f'daqqa wahda, qam u avvicina lill-Pulizija u l-Pulizija u hu stess (SG 161) affermaw lill-imputat:

*"Ahna jigifieri zammejnieh minn idu. Ma weriex rezistenza maghna, jigifieri xejn xejn, maghna xejn. Mieghi u ma siehbi xejn."* (ara xhieda a fol.34).

A fol.36, SG 161 xehed illi l-imputat kien qed jghajjat.

SG 106,  John Muscat ikkonferma x-xhieda ta' SG 161 Godwin Maurin. Ikkonferma li l-imputat kien qed jghajjat bl-ugiegh u li ma riedx jistenna. Ikkonferma li l-imputat kien avvicina lill-Pulizija u li gie mizmum minnhom u arrestat. Mistoqsi jekk kemm-il darba l-Pulizija qabdux minn idu l-imwegga, John Muscat irrisponda:

*"Ezatt qallu qed tweggani u telqu l-Pulizija...irrifjuta li jatih il-particulars."* (ara xhieda a fol.44)

Dr. Melvin D'Anastasi, tabib li kien hadem fil-*Casualty Unit* f'St. Luke's fid-data ta' l-incident, ikkonferma li l-imputat kien idahhal l-Isptar fid-data citata, li kellu griehi fuq in-naha tal-lemin ta' wiccu u rasu, b'*areas* ta' telf ta' gilda u li

kien qed jitlef id-demm minn dawn il-griehi. Dawn il-griehi gew imnaddfa u mdewwiha u l-griehi mehjutin.

PS 69 (a fol.62 et seq.) ikkonferma illi l-imputat kien wegga' b'xi hgieg ta' *telephone box* fil-lejl ta' bejn id-dsatax u l-ghoxrin ta' Mejju 2007.

L-imputat, Jonathan Micallef (a fol.56 et seq.) xehed illi xi gurnata qabel l-incident kien hassar mat-tfajla tieghu u bin-nervi u d-dwejjaq li kellu ddecieda li jitla' sa Paceville flimkien ma' Daniel Briffa. L-imputat ra lil persuna jkisser *telephone box*, mar fuqu u saqsieh ghalfejn kien qed ikisser u dan ir-ragel xejjer daqqa ta' ponn u waqt illi kien qed jiddefendi ruhu laqat hgiega gia mkisser minn tat-*telephone box* u carrat idu. Illi hu ttiehed l-Isptar f'ambulanza, izda t-tobba damu hafna sabiex idewwuh. L-imputat ra lil hafna pazjenti jaqbzuh u allura aktar ippanikkja u kien mugugh u kien hiereg hafna demm. Illi huwa, f'salt wiehed, hareg barra fejn l-ambulanzi u li kien ippenikjat u li hargu l-Pulizija u s-Security Guards biex jikkalmawh. F'hin minnhom sema' lil wiehed mill-Pulizija jsejjah ghall-assistenza mill-Mobile Squad u l-imputat dar ghal fuq il-Pulizija biex jghidlu ghalfejn kien qed isejhilhom. L-imputat xehed illi l-Pulizija qabduh mill-ferita u hu rrejagixxa minhabba l-ugiegh:

*"U hasibni nahseb illi ser intih xi daqqa."*

Minn hemmhekk haduh l-Ghassa tal-Hamrun u kien biss l-ghada filghodu, wara li giet ommu, illi rega ttiehed l-Isptar biex jiddewwa. Huwa kkonferma l-istqarrija li rrilaxxa mall-Pulizija. L-imputat xehed illi kien veru li kien qed iwahwah bl-ugiegh u li l-Pulizija kienu qed jiprovaw isikktuh. Wiehed mill-Pulizija, pero', haseb li l-imputat kien xi wiehed kiesah u l-imputat kien qed jipprova jfehemu illi kien migugh verament. Huwa xehed illi meta ddahhal fil-vettura tal-Pulizija, kien gie mhedded minn dan il-Pulizija u illi anke bezaqlu fuq wiccu. Xehed ukoll illi kien hemm Pulizija mara li kienet gentili mieghu. L-imputat ikkonferma l-istqarrija tieghu.

John Micallef ezebixxa Dok.JM, certifikat ta' l-imputat illi juri illi l-imputat kellu bzonn tmintax-il punt fuq il-ferita illi kellu.

Elizabeth Micallef, omm l-imputat, ikkonfermat illi hija waslet l-Isptar xi s-siegha u nofs (1:30), saghatejn neqsin kwart (1:45) sabet lill-imputat, binha, mbezza ghaliex jibza' mill-*injections* u mit-titqib u beda jippanikkja il-ghaliex kienu bdew dehlin nies ohra qablu. Ikkonfermat illi s-*Security Guards* bdew jipprovaw jikkalmawh u li wiehed mill-Pulizija indirizzah bil-kliem: *"Qziez aqtaghha."* Elizabeth Micallef ikkonfermat illi l-imputat beda jipprova ifihem lill-Pulizija kemm kien mugugh u li dawn arrestawh u haduh l-Ghassa tal-Hamrun. Fis-seba u nofs (7:30), Elizabeth Micallef regghet hadet lil binha (l-imputat) l-isptar u li ghamlulu xi ghoxrin punt.

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi migjuba a konjizzjoni ta' din il-Qorti huwa evidenti illi dan l-incident sehh il-ghaliex l-imputat kien verament imwegga', tant illi kellu bzonn tmintax (18)-il punt f'idu u li dak illi gara kien aktar sforz ta' manjiera goffa illi biha agixxew is-*Security Guards* u l-Pulizija. Is-*Security Guards* stess xehedu illi l-imputat, bl-ebda mod, ma rrezista jekk attakka lil Pulizija, jew li heddidhom 'xi mod.

Illi ghaldaqstant zgur ma jissusisstux l-ewwel tlett akkuzi. Illi l-akkuzi l-ohra dedotti kontra l-imputat huma dawk kontravvenzjonali inkluz il-ksur ta' buon ordni b'ghajjat u glied u rifjut li jaghti l-*particulars* u nuqqas ta' obbidjenza ghall-ordnijiet tal-Pulizija u illi ghalhekk jissussistu r-raba', il-hames, s-sitt u s-seba' akkuza, ipprovati kontra l-imputat, izda, l-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-manjiera indelicata li bih agixxew certu membru tal-Pulizija, il-fatt illi l-imputat kien verament midrub u mugugh, l-eta' giovanili tieghu fl-ghoti tal-piena propizja.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat, **Jonathan Micallef**, mhux hati ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza li minnhom tilliberah, hati tar-raba', il-hames, is-sitt u s-seba' akkuza u wara li rat Artikoli 338(ee)(dd)(g), 342 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta u **tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------